MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-4 ta' Frar, 2011

Appell Kriminali Numru. 237/2010

**Il-Pulizija**
**(Maggur John Engerer)**
**Vs**
**Mariella Caruana**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellanti quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-9 ta' Jannar, 2007 f'Mimics Stationery, Triq Giovanni Curmi, l-Iklin, fuq talba tal-Employment and Training Corporation, talli fid-9 ta' Jannar, 2007 u qabel din id-data, naqset li tavza lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig li haddmet maghha lil Claudia Cacciattolo, u dan ai termini tal-artikoli Att XXVIII ta' 1990 Art. 3(a), 4 tal-A.L. 110/93 Art. 10 tal-A.L. 110/93.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-25 ta' Mejju, 2010, li biha, wara li rat ir-Regolament 3(a), 4 u 10 tal-Avviz Legali 110/93

sabet lill-appellanti hatja tal-akkuza migjuba fil-konfronti taghha w ikkundannatha multa ta' mija w hamsin Euro (€150).

Rat ir-rikors tal-appellanti minnha pprezentat fis-27 ta' Mejju, 2010, li bih talbet li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata w minflok tillibera lill-appellanti minn kull htija w piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti fil-qosor, huma s-segwenti w cioe':-
Illi l-appellanti tichad enfatikament li hija impjegat lil Claudia Cacciattolo jew li hadmitha maghha izda li fil-fatt li gara huwa illi dakinhar tal-incident hija kellha bzonn taghmel qadja w ghalhekk talbet lil Claudia Cacciattolo taghmillha pjacir u toqghodilha ftit mal-hanut u dan mhux b'relazzjoni ta' employer/employee izda biss bhala pjacir maghmul mill-habiba taghha. Claudia Cacciattolo ta' spiss tkun fil-hanut titkellem mal-appellanti billi huma hbieb u jkunu flimkien hafna.

Is-sena ta' wara, ghal ftit xhur, l-appellant verament haddmet lil Claudia Cacciattolo bi hlas ghal ftit xhur u dan minhabba problemi partikolari li minhabba fihom l-appellanti ma setghetx tkun fil-hanut u ghalhekk hija avzat lid-dipartiment dwar dank if tirrikjedi l-ligi.

Izda ghal darba ohra l-appellanti tirribatti li fid-data tal-akkuza hija ma haddmitx lil Claudia Cacciattolo u ghalhekk ma kienx hem mil-bzonn li tibghat l-avvizi kif mitluba mill-Employment & Training Corporation.

Illi ghaldaqstant l-akkuza kif dedotta manifestament ma tirrizultax u l-appellanti kellha tigi liberata minn kull htija w piena.

Ikkunsidrat :

Irrizulta mill-provi illi fid-9 ta' Jannar, 2007 Louis Buhagiar, ETC Inspector, ghamel spezzjoni ghall-habta tas-6.15 p.m. fil-Mimics Stationery, Iklin, li huwa gestit mill-appellanta Mariella Caruana. Fil-fond kien hemm Claudia Cacciatolo, li skond Louis Buhagiar qaltlu illi kienet l-ewwel gurnata tax-xoghol taghha u li ma kellhix ktieb.

Wara ricerka li saret fid-database tal-ETC irrizulta li kien minnu li ma kien hemm l-ebda registrazzjoni illi Claudia Cacciatolo kienet qed tahdem fil-fond imsemmi, ghad li l-posizzjoni taghha giet regolata fit-8 ta' Lulju, 2008 bhala "part time casual worker" (ara dokument ETC fol. 11).

Din ta' l-ahhar xehdet illi hija habiba ta' Mariella Caruana u ta' spiss tkun hdejha.

Dak inhar ma kienitx tiftakar jekk ma kienitx fil-hanut jew le, pero' ma kienitx l-ewwel darba illi Mariella Caruana tghidilha toqghod fil-hanut sakemm tmur taghmel xi qadja.

Minn naha l-ohra Mariella Caruana kkonfermat illi Cacciatolo kienet fil-hanut u qaltilha biex toqghod hemmhekk sakemm taghmel qadja. Ta' dan is-servizz ma hallsitix.

Dak iz-zmien f'Jannar 2007 il-hanut kien kompletament f'idejn l-istess Claudia Cacciatolo u mhux l-ewwel darba illi meta tkun wahidha gieli bieghet xi haga.

Id-difiza argumentat li hemm konflitt fil-provi. Veru illi Mariella Caruana u Claudia Cacciatolo huma hbieb u jghinu lil xulxin, pero' ma kien hemm l-ebda relazzjoni bejn "employer" u employee" u billi ghamlitilha pjacir ma jfissirx illi kellha tikkwalifika bhala "employee" fis-sens tal-ligi.

Ikkunsidrat :

Il-Qorti ma jidrilhix illi dan l-argument jista' jreggi.

Ma hemmx dubju illi bhala fatt Claudia Cacciatolo instabet fil-fond gestit mill-appellanta fl-assenza ta’ din ta’ l-ahhar u kif ammettiet l-istess appellanta gieli kien hemm okkazzjonijiet illi meta Cacciatolo tkun wahedha bieghet xi haga.

Il-fatt illi l-appellanta ma hallsitx lil Caccciatolo ma dbiddel xejn ghas-sitwazzjoni legali illi inholqot dak il-hin. Skond id-definizzjoni tal-kelma “employee” fl-artikolu 2 tal-Kap. 452 “Employment and Industrial Relations” ***“employee means any person who has entered into or works under a contract of service, or any person who has undertaken personally to execute any work or service ………”***

F’din is-sitwazzjoni Cacciatolo “had undertaken personally to execute any work or service” u ghalhekk taqa’ taht ir-rigur tal-ligi. Sitwazzjoni bhal din suppost kellha tinforma lil ETC u tigi registrata bhala tali.

Ghalhekk din il-Qorti ssib illi l-Ewwel Qorti kienet korretta fil-konkluzzjoni taghha u din il-Qorti ma jidhirlix li l-sentenza ghandha tigi disturbata.

Hu principju stabbilit fil-gurisprudenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali li ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni illi waslet ghaliha **(Il-Pulizija vs Carmelo Schembri 28-04-1995)**.

Din il-Qorti ghamlet dak l-apprezzament u waslet ghall-konkluzzjoni illi l-Ewwel Qorti kienet ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti taqta’ w tiddeciedi li tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------